# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Donald Micallef**

**Kumpilazzjoni Numru: 207/17**

**Illum, it-tmintax (18) ta' Settembru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Donald Micallef detentur tal-karta tal-identità numru 207082M

Akkuzat talli f'Marzu u April tas-sena 2017, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda; b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intaprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn hames mitt ewro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef ewro (€5,000), ghad-detriment ta' Frankie Piscopo (KI numru 396360M), fil-kapacità tieghu ta' direttur tas-socjetà *Piscopo Cash & Carry* u ta' Paul Vincent Vella (KI numru 53684M) fil-kapacità tieghu ta' sid l-istabbiliment *Crest Wine Cellars*, ai terminu tal-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioè oggetti tal-ikel, xorb alkoholiku u xorb iehor li

ghandu valur ta' aktar minn hames mitt ewro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef ewro (€5,000), ghad-detriment ta' Frankie Piscopo (KI numru 396360M), fil-kapacità tieghu ta' direttur tas-socjetà *Piscopo Cash & Carry* u ta' Paul Vincent Vella (KI numru 53684M) fil-kapacità tieghu ta' sid l-istabbiliment *Crest Wine Cellars*, ai termini tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu tal-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokumenti foloz, ai termini tal-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Gie akkuzat ukoll talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma

jistghux jigu mibdula, ai terminu tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hdax (11) ta' Dicembru 2017 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom intalab li tinstab htija u cioè:-

- Fl-artikoli 17, 18, 23 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 308, 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 293, 294, 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 183, 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jitkomplew b'mod sommarju u dan wara li nqrawlu dawn l-Artikoli tal-Ligi;

Rat l-ammissjoni tal-imputat fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Marzu 2023 fejn dan ikkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jahsibha u fl-istess waqt talab li jithejja Pre Sentencing Report minn ufficjal tal-Probation;

Rat ir-Rapport tal-ufficjal tal-Probation Sharlet Fabri (Dok SF1) fejn din ikkonkludiet is-segwenti:-

*"Konkluzjonijiet*

- ***Fatturi identifikati***

- *Donald Micallef qed jammetti ghall-akkuzi li f'Marzu u April tal-2017 iffroda iktar minn €500 izda inqas minn*

*€5000 lil Frankie Piscopo bhala direttur ta' Piscopo Cash & Carry u lil Paul Vincent Vella bhala sid ta' Crest Wine Cellars. Qed jammetti wkoll li ffalsifika att awtentiku u pubbliku, ghamel uzu minn dokumenti foloz, u li sar recidiv.*

- *Il-Fedina Penali tal-imputat (***Dok. 2***) hija pjuttost voluminuza u tmur lura ghall-1996, u dan filwaqt li huwa nzamm fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin f'diversi okkazjonijiet (***Dok. 3***).*

- *Minkejja dan, is-Supretendent Maurice Curmi stqarr li Micallef inbidel kompletament, hallas lura s-somma li ffroda liz-zewg vittmi, u ghaldaqstant jemmen li piena karcerarja taghmel iktar hsara milli gid (***Dok. 1***).*

- *Ir-reati odjerni twettqu fi zmien li huwa kien inkarigat mit-tmexxija ta' Rookies Pub u kien qed jabbuza mid-droga ta' kuljum. Minbarra hekk, Donald qed jitressaq ukoll fuq zewg kazijiet ohra relatati ma' atti ta' frodi u qed jaghmel l-almu tieghu sabiex ihallas lura lill-vittmi taghhom ukoll.*

- *L-ikkoncernat huwa l-ikbar wild fost sitta u trabba maz-zewg genituri minkejja li dawn isseparaw kif l-izghar fost uliedhom ghalqet it-tmintax-il sena. Spjega li ma kellux tfulija facli minhabba l-istress finanzjarju u l-argumenti kontinwi li kien espost ghalihom mill-genituri u li wassluh biex jibza' miz-zwieg. Filwaqt li ghandu relazzjoni dicenti ma' ommu, dik ma' missieru hija wahda iktar minima. Huwa jmur tajjeb ma' hutu kollha ghajr wiehed li ghandu l-vizzju tad-droga.*

- *Micallef beda juza l-kannabis fl-età ta' hmistax-il sena u ghal parti l-kbira ta' hajtu kien jaghmel uzu mill-kokaina b'mod socjali fejn skontu dejjem uza d-droga b'mod responsabbli ghajr ghal xi xhur lejn tmiem it-tletinijiet tieghu li kienu karatterizzati minn tehid ta' droga bla razan. Ammetta li uza l-kokaina f'okkazjoni wahda wara li temm l-ahhar sentenza karcerarja tieghu u jikkonsma l-alkohol biss f'sitwazzjonijiet socjali.*

- *Minn kuntatti li saru mal-agenziji li jahdmu kontra l-vizzji, irrizulta li Donald Micallef qatt ma rrikorra ghall-ghajnuna*

*taghhom. Dan filwaqt li huwa qatt ma hass il-bzonn ta' ghajnuna psikjatrika u qatt ma gie rikoverat gewwa l-Isptar Monte Karmeli. Kampjuni tal-urina li ssottometta ruhu ghalihom gewwa d-Dipartiment tal-Probation u l-Parole fid-19 u t-30 ta' Mejju 2023, irrizultaw fin-negattiv ghas-sustanzi tal-kannabis, l-eroina u l-kokaina.*

- *L-ikkoncernat stqarr li qatt ma kellu kumplikazzjonijiet ta' sahha fizika izda kien involut f'accident tat-traffiku ikrah fi Frar 2022 li b'rizultat tieghu kiser ghonqu u l-ispina ta' dahru. Huwa kellu jircievi l-kura barra minn xtutna u filwaqt li rregistra progress kbir, ghandu dizabilitajiet zghar li ghadhom iridu jigu kwantifikati.*

- *Micallef tkellem dwar kemm ihobb jissoccjalizza u ghamel accenn ghall-ammont ta' hbieb veri li ghandu madwaru, li jista' jorbot fuqhom u sabhom meta kellu bzonnhom.Huwa jhossu xxurtjat f'dan l-aspett u qed jahseb f'modi kif ikun jista' jaghti lura lis-socjetà issa li ghamel passi kbar f'hajtu.*

- *Donald Micallef ghandu livell sekondarju ta' edukazzjoni, mhux fil-pussess ta' kwalifici jew snajja manwali, izda jhossu "skilled" hafna fejn jidhol negozju u l-qasam tal-IT. Huwa nghaqad mad-dinja tax-xoghol fl-eta' ta' sittax-il sena (**Dok. 4**) u prezentement huwa self-employed b'hidma kolloborattiva ma' persuni ohra fejn huwa principarjament inkarigat mir-ricerka u riklamar.*

- ***Pjan ta' Kura***

*Hekk kif l-informazzjoni prezentata f'dan ir-rapport turi li Donald Micallef indirizza l-iktar aspetti problematici f'hajtu u mexa lil hinn mill-istil ta' hajja kaotika li kellu fil-passat, ikun ghaqli jekk huwa jkompli jsostni l-hajja stabbli u ta' bzulija li ghandu, filwaqt li jkompli jaghzel kumpanija li jkollha influwenza pozittiva fuqu sabiex izomm 'il boghod mill-kriminalità.*

- ***Rakkomandazzjoni***

*Fid-dawl tal-informazzjoni migbura ghall-fini ta' dan ir-rapport, b'attenzjoni partikolari lejn il-progress li rregistra f'hajtu l-imputat flimkien mal-fatt li huwa ghamel tajjeb ghad-danni li kkawza lill-vittmi, qed jigi umilment irrakkomandat li din l-Onorabbli Qorti tinfliggi Ordni ta' Servizz fil-Komunità fil-konfront ta' Donald Micallef."*

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi ghalkemm ir-reati li bihom hu addebitat l-imputat huma ta' frodi u falsifikazzjoni, però l-perjodu ta' din il-kumpilazzjoni ghalkemm ha ftit fit-tul ghal diversi ragunijiet, serva sabiex l-imputat jghaddi minn certu sitwazzjonijiet li gaghluh jirrealizza x'inhuma dawk l-affarijiet l-aktar importanti fil-hajja u li jghix hajja stabbli u 'l boghod mill-kriminalità u ghalhekk ser tiddipartixxi milli timponi piena karcerarja u minflok ser timponi piena retributorja taht il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre u ghar-ragunijiet esposti hawn fuq din il-Qorti ser tiddipartixxi wkoll milli tapplika l-effetti tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre l-Qorti hadet nota tal-fatt illi l-imputat hallas lill-vittmi kompletament a saldu ta' kull pretensjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 23 u 31, 49, 308, 310(1)(b), 293, 294, 310(1)(b), 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Donald Micallef** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u stante li l-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi huma mezz ghal fini tat-tieni (2) akkuza tpoggih taht Ordni ta' Servizz fil-Komunità taht l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sittin (60) siegha u liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Bejnamina Mifsud**

**Deputat Registratur**